



Stqarrija għall-Istampa

Il-Lussemburgu, l-1 ta' Ottubru 2022

Tony Murphy jieħu l-kariga bħala President tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri

Illum, l-1 ta' Ottubru 2022, Tony Murphy jibda l-kariga tiegħu bħala l-President il-ġdid tal-QEA għal terminu ta' tliet snin li jista' jiġġedded.

Tony Murphy, nazzjonal Irlandiż, ġie elett mill-Membri tal-QEA fl-20 ta' Settembru biex iservi bħala l-President tal-istituzzjoni għall-perjodu mill-1 ta' Ottubru 2022 sat-30 ta' Settembru 2025. Huwa jieħu l-kariga wara Klaus-Heiner Lehne, li kien serva bħala President tal-istituzzjoni mill-2016 'il hawn.

Oriġinarjament minn Cabra f'Dublin, Tony Murphy sar Membru tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri fl-2018 u kien prinċipalment responsabbli mill-awditi finanzjarji, anke fil-kapaċità tiegħu bħala Membru tal-QEA għar-rapport annwali dwar il-baġit tal-UE. Huwa kien responsabbli wkoll mill-awditi relatati mal-faqar fost it-tfal u r-regolarità tal-infiq fil-politika ta' koeżjoni tal-UE. Qabel dan, kien serva fil-QEA bħala Direttur tal-Awla IV (Regolamentazzjoni tas-swieq u ekonomija kompetittiva) u kien kap tal-kabinett ta' Membru tal-QEA. Huwa beda l-karriera tiegħu fi tmiem is-snin sebgħin bħala awditur fl-Uffiċċju tal-Kontrollur u Awditur Ġenerali f'Dublin. Għas-CV sħiħ tiegħu, ikklikkja [hawnhekk](#).

"Huwa unur kbir li ġejt elett bħala President tal-QEA. Nixtieq nirringrazzja lill-Membri tal-Qorti għall-espressjoni ta' fiduċja li wrew f'ija," qal Tony Murphy ftit wara li ġie elett, *"Jiena konxju ħafna tar-responsabbiltà kbira li dan ir-rwol iġib miegħu. Il-fokus tiegħi se jkun li nkomplu xogħolna li jikkontribwixxi għat-titjib tal-obbligu ta' rendikont u t-trasparenza f'kull tip ta' azzjoni li tittieħed mill-UE. Dan huwa importanti għall-fiduċja taċ-ċittadini fl-UE u fil-finanzi tagħha".*

Tony Murphy isir it-12-il President tal-QEA fi żmien meta l-UE inġenerali u l-QEA b'mod partikolari qiegħdin jiffaċċjaw sfidi ewlenin. Wieħed mill-aktar kompiti sinifikanti għall-istituzzjoni matul il-mandat tas-Sur Murphy se jkun li jiġi żgurat li l-baġit tal-UE ta' EUR 1.8 triljun jiġi mmaniġġjat b'mod tajjeb u effettiv, kif ukoll li l-pakkett tan-NextGenerationEU qed jikkontribwixxi b'mod effettiv għall-irkupru ekonomiku fis-27 Stat Membru.

Informazzjoni ġenerali

Il-QEA hija l-awditur indipendenti estern tal-Unjoni Ewropea. Ir-rapporti u l-opinjoni tagħha huma element essenzjali tal-katina ta' obbligu ta' rendikont tal-UE. Dawn jintużaw biex jintalab rendikont mingħand dawk li huma responsabbli mill-implimentazzjoni tal-politiki u l-programmi tal-UE: il-Kummissjoni, l-istituzzjonijiet u l-korpi l-oħra tal-UE, u l-gvernijiet tal-Istati Membri. Il-QEA

ECA Press

12, rue Alcide De Gasperi – L-1615 Luxembourg

E: press@eca.europa.eu @EUAuditors eca.europa.eu

twissi dwar riskji, tipprovdi aċċertament, tindika nuqqasijiet u prattiki tajba, u toffri gwida lil dawk li jfasslu l-politika u lil-leġiżlaturi dwar kif jistgħu jtejbu l-ġestjoni tal-politiki u l-programmi tal-UE.

Is-27 Membru tal-QEA jeleġġu l-President minn fosthom stess biex iservi bħala “l-ewwel fost il-pari” għal perjodu ta’ tliet snin li jista’ jiġġedded. Il-President huwa inkarigat mill-istrateġija korporattiva tal-Istituzzjoni, l-ippjanar u l-ġestjoni tal-prestazzjoni, il-komunikazzjoni u r-relazzjonijiet mal-media, il-kwistjonijiet legali u l-awditjar intern, u jirrappreżenta l-Istituzzjoni fir-relazzjonijiet esterni tagħha.

Kuntatt għall-istampa

Uffiċċju tal-istampa tal-QEA: press@eca.europa.eu

- Vincent Bourgeois: vincent.bourgeois@eca.europa.eu - M: (+352) 691 551 502
- Damijan Fišer: damijan.fiser@eca.europa.eu - M: (+352) 621 552 224
- Claudia Spiti: claudia.spiti@eca.europa.eu - M: (+352) 691 553 547